# Reġistri dwar il-fallimenti u l-insolvenza

Il-kontenut ipprovdut minn

Malta

Malta

## X'joffri s-Servizz tal-Insolvenza ta' Malta?

Is-Servizz tal-Insolvenza ta' Malta joffri dettalji dwar kawzi fil-Qrati Maltin dwar insolvenza ta' kumpaniji jew falliment ta' individwi kif ukoll dettalji dwar informazzjoni li jirċievi r-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar dikjarazzjonijiet ta' insolvena mid-diretturi ta' kumpaniji fi stat ta' insolvenza.

## L-aċċess għal dan ir-Reġistru huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għal dan ir-Reġistru huwa mingħajr ħlas u r-Reġistru huwa aċċessibbli minn din il-link:

https://ecourts.gov.mt/onlineservices/Insolvencies

## Kif tfittex fir-Reġistru tal-Insolvenza?

Tista' tfittex fir-Reġistru tal-Insolvenza jew bl-isem tad-debitur jew bin-numru tal-Karta tal-Identita' tiegħu jew bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija.

## L-istorja tas-Servizz tal-Insolvenza ta' Malta

Qabel ma sar dan ir-Reġistru tal-Insolvenza, l-informazzjoni dwar kumpaniji fi stat ta' insolvenza kienet tinzamm mir-Reġistratur tal-Kumpaniji filwaqt li l-informazzjoni dwar kawzi ta' insolvenza u ta' falliment kienet tinzamm mill-Qorti. L-informazzjoni mizmuma mill-Qorti kienet tiġi ppublikata fil-website fejn tiġi ppublikata informazzjoni dwar il-kawzi in ġenerali. Ir-Reġistru tal-Insolvenza sar aċċessibbli għall-pubbliku f'Jannar 2018 u fih dettalji dwar insolvenza u falliment li jmorru lura għall-1 ta' Jannar 2014.

## Links relatati

https://ecourts.gov.mt/onlineservices/Insolvencies

L-aħħar aġġornament: 04/05/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.